# Tkompli l-istorja tal-bidu tal-futbol ġo Marsaxlokk

*Ġużeppi Grech*

Din is-sena erġajt kont qed nistenna l-istedina sabiex inkompli nikteb fuq dak li ġa ktibt is-sena l-oħra u ta' qabilha, dwar il-bidu tal-futbol ġewwa Marsaxlokk.

Hekk hu, bħal ma spiċċajt is-sena l-oħra li minbarra l-plejers li semmejna kien hemm għadd sabiħ ta' nies li bil-ħidma tagħhom u bl-entużjażmu li wrew, għenu bis-sħiħ fis-suċċessi tal-*Marsaxlokk White Stars*. Għaliex barra l-plejers irid ikollok xi ħadd li jieħu ħsieb l-affarijiet bis-serjetà. Min kienu dawn in-nies bħalma wegħedtkom is-sena l-oħra ser narawh din id-darba.

Se nsemmu min kienu dawk, li għalkemm ma kienux plejers, taw għajnuna kbira sabiex it-tim jibda u jkompli. Dawn żgur li qatt ma ħolmu li t-tim ser jibqa' tiela fejn jinsab illum.

Kienu Karmenu Cassar (ir-rejs) li kien jiġi iz-ziju ta Spiru Cassar, missier Leone, li għal ħames snin sħaħ offra r-remissa tiegħu bħala każin mingħajr ħlas.

Nonu Paris li ġieli sellifna id-dar fejn kien joqgħod, għall-istess skop.

Pawlu Incorvaja, iz-ziju ta' Toni l-bomber, emigra lejn l-Awstralja, li bħala president kien jagħraf imexxi l-għaqda ġdida fil-bidu tagħha.

Leli Scicluna, (in-nannu tal-Ġala), Turu Paris (missier Marion u n-nannu tat-Travolta) u Karmenu Caruana (Żapeli), kellhom diversi responsabbiltajiet.

Spiru Cassar, Toni Caruana u Ġużeppi Borġ (il-Pusu) kienu tant iħabirku sabiex jiġbru l-flus għall-bżonnijiet tat-tim.

Ġużeppi Schiavone (missier Sunny tal-*harbour lights*) u Noel Bonnici (iz-ziju tal-Ġabi) kienu minn ta' quddiem sabiex jipproponu u jemendaw għall-ġid ta' l-għaqda.

Għajnuna kbira kellna mill-familja Darmanin - Balel (missier Jackie), Nonu, Johnny, Frans u Harry.

Mill-familja Paris - Turu, Nonu, Żużu, Frans, Twanny, Pawlu u Maurice.

## Nirbħu lir-*Rainbows*

F'Ottubru ta'1950 lgħabna u rbaħna mar-Royal Air Force (Marsaxlokk), Tarxien A.C., Paola Lilywhites, Siġġiewi, Tas-Silġ u Luqa. F'laqgħa tal-kumitat fit-3 ta' Novembru 1950 ġie deċiż li nippruvaw nidħlu fit-3rd Division tal-MFA. Fil-11 ta' Novembru 1950 iltqajna kontra t-tim ta' Ħal Tarxien *Little Rainbows*, li dak iż-żmien bi plejers bħal Cunningham, Fardell u Muscat kien meqjus bħala wieħed mill-aħjar timijiet tat-Tielet Diviżjoni.

Għal din il-logħba t-tim tagħna niżel hekk: Frans Darmanin, Nonu Paris, Pawlu Paris, Jos. Degabriele (l-iskipper), Ġus. Caruana, Jos. Grech, Frans Ghirxi, Salvu Zerafa (Trilla), Frans Paris, Mabbli Vella u Karmenu Carabott (il-ketlet).

Ma' l-ewwel tisfira tar-*referee* Karmenu Caruana (Żapeli), ir-*Rainbows* intefgħu fuq l-attakk u kellu jkun Degabriele li bir-ras salva minn taħt il-lasta. Ir-*Rainbows* komplew jattakkaw iżda bil-mod il-mod it-tim tagħna beda jaqsam il-logħob. Fis-26 minuta f'kontrattakk mibdi min-naħa tax-xellug bejn Carabott u Vella, b'ta' l-aħħar jara x-xutt tiegħu jaħrab lill-*goalkeeper* tar-*Rainbows*, u Ghirxi għamel l-iskor 1-0. Ħames minuti qabel il-*half time*, minn corner, Cunningham għamel l-iskor 1-1. Fit-tieni taqsima l-plejers tagħna ntefgħu fuq l-attakk u f'ħin ta ħames minuti, Frans Paris b'żewġ gowls, xuttijiet sbieħ għamel l-iskor 3-1. Hekk spiċċat il-logħba fost il-ferħ tal-plejers u l-partitarji Xlukkajri.

## Isiefru tliet plejers

It-tim tagħna kompla fit-triq tar-rebħ meta ħmistax il-ġurnata wara, rebaħ lit-tim ta' l-Isla 3-1, u għall-ħabta tal-Milied irbaħna lid-*Dockyard Smiths* bl-iskor ta' 2-1. Ta' min isemmi li ma' dawn lagħab ukoll il-maħbub u qatt minsi, sieħbi Peppi Delceppo, kif ukoll Joe Cilia, li dak iż-żmien kien l-apprentista tiegħi, kif ukoll bħala *guest players*, Ġużi Bonnici u Mattocks, żewġ plejers li dak iż-żmien kienu fl-aqwa tagħhom jilagħbu mas-*Sliema Wanderers*.

B'qalbna qawwija bil-wirjiet tajbatat-timtagħnaumixtieqin għal aktar suċċessi, stedinna biex jilagħbu kontra tagħna lit-tim tal-*HMS Mermaid*, li kien ir-rebbiegħ tal-flotta fil-Mediterran. Kien il-Ħadd 16 ta Jannar 1951. Bir-riħ qawwi favur tagħna u quddiem folla kbira ta' Xlukkajri u baħrin, aħna ntfajna mill-ewwel fuq l-attakk u l-logħob kien maqsum, iżda aktar ma beda jgħaddi l-ħin, il-logħba aktar bdiet tidher iebsa u għalkemm Frans Paris skorja gowl sabiħ fl-ewwel taqsima, fit-tieni taqsima l-baħrin skurjaw tliet darbiet. Riżultat finali 1-3.



Ritratt ta' wieħed mit-timijiet tal-futbol ta' Marsaxlokk, dak iż-żmien il-Marsaxlokk White Stars. Fuq xi wħud mill-flokkijiet tidher l-istilla bajda, simbolu tat-tim ta' dak iż-żmien (ritratt: Angelo Gafà)

Din kienet l-aħħar logħba għall-plejers Nonu Darmanin, Mabli Vella, u Frans Paris, li kellhom jitilqu għall-Awstralja u għalhekk fost il-membri waqa' swied ta' qalb tant li għal ftit żmien il-logħob waqaf. Iżda wara, fit-tim daħlu Żużu Paris, Balel Darmanin, iż-żagħżugħ Ċensu Carabott, Ġanni Piscopo, Harry Darmanin u Ċensu Cassar. Dawn taw sura ġdida lit-tim u hawn bdiet it-tieni parti tat-tim *White Stars* fejn issa taħt l-isem uffiċċjali Marsaxlokk FĊ, u njettat mill-logħob sabiħ ta' dawn il-plejers ġodda kompla fit-triq li wasslitu għal ħafna suċċessi u għal dak fejn jinstab illum.

Illum ser nieqaf hawn u jekk Alla jrid inkompli ngħaddilkom dak li naf u li niftakar sena oħra, forsi għax saħħti m'għadiex li kienet. Però nkomplu.